## ARJANNA

*Iva, ħabib, kont nafha 'l dik li int sejjaħt*
*Arjanna: l-iġfna tagħna kienu draw*
*id-daħk bħal mewġ li l-pruwa tqanqal*
*U l-passi tagħha jdamdmu jriegħdu għadhom hawn ġew*
*Fil-madum warrani ta' dal-moħħ*
*Għajjien. Daqqiet ix-xewqa nħoss*
*Li nferra' b'forom iebsa tal-memorija*
*L-eħirsa tqal li ħajti jberbqu.*
*Nipprova ninsa, iżd'issa wkoll is-sinsla*
*Ta' ħuta x-xewka saret,*
*It-tingiża tax-xewqa li nsib*
*It-tnaqqix fuq il-ħofra fejn mitt.*
*Fl-għarar tas-snin*
*Ma' rasi tnalja*
*Midbiel nistad.*

*Int dħalt f'dil kamra fejn il-brimb*
*Dlam jinseġ. Hawn sibtni ssummat ngħajjeb*
*Ix-xjaten fit-tazza ta' l-absint;*
*Taħt sieqi mimxut*
*Il-ġisem mikdud*
*Ta' mara ta' l-isem kotran.*
*U f'ħarsa qrajt l-istorja tiegħi,*
*Did-dawra mejt ta' jiem bla tmiem*
*Brimb u xorb u żina w brimb...*
*Inti li ġejt hawn li jien sejjaħt ħabib*
*Wiċċ trasparenti li ġo moħħi tqajjem trab*
*Tkellimt u ġo l-absint*
*Ndebsu f'ragħwa x-xjaten.*

*Muġugħ u mgħawweġ*
    *Għaraq fuq ġbin*
    *Dris is-snien*
        *Ngħaqqad is-snin*
*U bħat-tfal li jsawwru stampa minn bċejjeċ ta' kartun*
    *Indomm din ħajti*
*Tagħbija li spallejja tifleġ u ma tidherx*

*Dawl stramb li dwari tħuf*
*Bla ħniena w kiesaħ lilha ġġib,*

*Arjanna,*
*U jiena baħri li kont nafha...*
*Baħri għidt?*
*Iżda donnu jien kont nista' qlub inliġġem*
*Nitlob dmir minn nies qalbiena.*
*Iva! Kelmti qalila widdbet u fdiet*
*Lil min weġġagħni t-triq uriet:*

*Jien kont il-bniedem sħiħ*
*Li jaħseb jgħid u jagħmel.*

*Jien kont kburi*

*Arjanna, tiegħi l-għadu, jien ħabbejt*
*Imbagħad insejt.*
*Issa li d-dmugħ għajnejja jkeffen*
*L-ilsien bix-xewqa minfuħ*
*Inħoss ma' sidri iċ-ċaqliq tar-ras għażiża*
*Il-wiċċ imtalla' 'l fuq*
*L-għajnejn*
*U s-sħana ta' xoffa u xagħar.*

*Hekk jien għal ftit insejt dmir, ġieħ u rebħ,*
*Hallejt l-imħabba tmexxi.*
*Jiem ta' nofs ngħas fix-xemx,*
*Jiem ta' qlugħ, gawwi u melħ*
*U s-seħer frisk ta' l-għabex jinħall*
*Fil-lejl bellus kaħlani*
*Kwiekeb f'sema w baħar*
*Fosfru lanja l-ebda sforz*
*Biss serħ u seħer.*

*B'danakollu ftit ftit ħassejt id-dudu jmermer*
*L-orizzont lixx fejn wieħed seta' jbaħħar f'bews u dawl:*
*Bħal fjur ħamrani li ċkejken darba qtajt*
*Li, tlitt nigżiet ta' naħla f'sebgħi ħalla*
*Hmura għajta w biki*
*Il-fjur tax-xewqa ntemm f'uġigħ ix-xeba'.*

*Il-leħen żgħir, għatxan u mdejjaq*
*Li mela l-vojt tal-lejl, 'il ruħi xawwat.*
*Wara l-irtuba, bligħ ir-rieq u t-tregħida mlibbta*
*Waħdi*

*Ma' għafset is-sider*
*Il-pass tanbur*
*U l-ħabs tal-gverta b'fallakki rrigata,*
*Kif stajt il-qagħda nfisser*
*Il-qamar nifli*
*'Il wiċċi f'mera*
*U nwieġeb l-hemm t'għajnejn ħosbiena*
*L-hemm twil ta' vaska taħt sema griż.*

*Imħabba*
*Oppju w drawwa*
*Nasba tal-Jien*
*Arjanna, tiegħi l-għadu...*

*X'imkien, siekta w kiebja fl-ibħra tad-dinja,*
*Jien naf gżira:*
*L-arja vjola*
*B'fwieħat il-warda mgħaffġa tqila*
*F'lejla sajfija*
*Togħma tat u tbassira*
*Ta' ħala w mewt u rabja ma titbassarx,*
*Xrar u dalma t'iġsma.*

*L-aħħar att*
Fortissimo *fl-orkestra*
*Is-siparju nieżel*

*Niftakar sew kif sema Arjanna u art madwari daru;*
*Il-ġisem xipli jirtogħod*
*U l-għajnejn minn fejn il-ħniena sejħet*
*Bil-kisra li timla fil-ħabba ta' qattus żgħir.*

*Arjanna saret għajnejn dmugħ u xama'.*
*Jien dħakt*
*Ma' l-art waddabtha u tlaqt*
*Irbaħt*
*U stħajjilt dak i l-ħin dirgħajja*
*Dirgħaj gorilla*
*Jxejru jdellu jfarrku jtambru fuq*
*Sidri miftuħ.*
*Tfarrket l-arja bil-ħoss ta' żġieġ.*

*Kif nimla l-vojt ta' snin*

*X'ħin siktu ta' l-istrumenti l-fraži varjati?*
*Id-drawwa m'għabitx u tkattret*
*Tul garigor l-infern bla ħeda tgerbibt*
*U fejn stennejt krib u xbir*
*Ma sibtx ħlief sikta*
*Ta' qalb u ħalq paraliżi*

*Memorja*
*Għajn fejn ilwien għannejja jitħalltu jdubu*
*Bħal sriep jiżolqu u jilmħu.*
*Tkexkix ta' qatgħat*
*Xħin iqammar il-wiċċ minsi mixtieq:*

*Tagħraf u ma tfissirx*
*Bħad-drip-drop t'ilma*
*Bħal kliem mismugħ f'nofs ngħas*
*Tifkir f'pellegrinaġġ.*
*Glorja lilek għajn sabiħa*
*Bix-xfar li teptpu ż-żmien*
*Għajn għasfur għannej b'inċens miksi*
*Impitter isfar jaħraq*
*Fuq sema vjola pjaneta ta' l-Avvent.*

*Għall-mument tan-nar*
*Dawn il-kelmiet jien nonqox*
*Xħin il-ġisem jaħraq idoqq u jħabbat*
*U l-kurrent imkattar ta' l-aorta*
*Jikkoagula fil-ħolm finit l-estasi tat-tajn*
*Imsawwar bil-mess melliesi ta' l-id*
*Suret ix-xewqa li ġġorr qalbi*
*— Kif qalu poeti*
*Iżda x'irbit inxenxel bejn xewqat il-lejl*
*Il-ġisem sensittiv li jrid,*
*U l-jum — xemx li jagħma u jaħsel*
*Fejn ġisem, djar u siġar igħumu bħall-makku?*

*Meta għad nilħqu l-wisgħat imtarrfa*
*Fejn l-awreola tal-ferħ hi realtà*
*Fejn imħabba ma ssaffarx*
*Mibegħda ma twebbisx il-ħmura titbiddel tal-ħalq*
*Fis-siegħa maqtugħa tal-ħruq*
*Titħarrek fl-irmied*

*Feniċi mixtieq*
*Jew bla tmiem*
*Gdim ix-xufftejn*
*Dmugħ fil-għajnejn*
*U x-xbiħat ħarraba fil-mitraħ għarqan...*

*U l-vjolini u n-nisa li bkew ma jisktux*
*Deirdre w Isolda w Arjanna fuq blata*
*Iġeddu bi dmugħ*
*Grajjet il-leħja ħarxa li qatlithom*

*Bħal fniek fil-fond inħaffru*
*U f' filosofiji nfittxu l-kenn*
*Iżda moħħna jniffdu jgħawru*
*Ta' misserijietna l-ergħruq sħaħ*
*F' għanqbut is-snin maqbuda*
*Fil-kolla lewn l-għasel tal-laħam*
*Fil-kont tat-tmiem ma' wieħed li tqaddes*
*Jitniżżel mitt elf fjask.*

*Darb' oħra għall-ġlieda*
*Madwari l-ħajja tinġema'*
*Tirgħa u żżanżan fit-tħarrik tagħha ma jitħassarx.*
*'Le vent se leve, il faut tenter de vivre.'*

Jos. Meilak

## ~~X'INHOBB...???~~

~~*Inħobb nitlef it-triq f'lejla qamrija*~~
~~*u naqbad xi mogħdija*~~
~~*minn qalb l-egħlieqi sbieħ fi żmien il-ħasda,*~~
~~*Ngħaddi sigħat niġġerra,*~~
~~*nitla' għoljiet ħawlija,*~~
~~*ninżel widien*~~
~~*għammiela ta' kull żmien,*~~
~~*u fl-aħħar insib għorfa waħidha, waħidha*~~
~~*l-għamara ta' xi fqajjar.*~~
~~*X'hena titlef it-triq f'lejla qamrija*~~
~~*u taqbad xi mogħdija!*~~

5.ii.54 ~~Victor Cilia~~